**11 ta' Lulju, 1995**

**Imhallef:-**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Patrick Xuereb u John Mary Galea

## Serq ta' Oġġetti f'Post Pubbliku

*Hu paċifiku fil-ġurisprudenza li min isib oġġetti f'post pubbliku f'ċirkostanzi tali li wieħed jista' jifhem li dawk l-oġġetti mhumiex abbandunati u japproprja ruħu minnhom, jikkommetti serq.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputati talli nhar il-25 ta' Ġunju, 1993 bil-lejl, f'Għajn Tuffieħa kkommettew serq ta' diversi oġġetti foshom kamera tar-ritratti tal-marka Pentax u arloġġ ta' l-idejn tal-marka Citizen għad-dannu ta' Gerald Johannes Furnter, ċittadin Awstrijak, liema serq hu kkwalifikat bil-ħin u valur li ma jeċċedix l-elf lira maltija; u li xjentement laqgħu għandhom jew

xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħlu biex ibigħuhom jew imexxuhom;

Rat is-sentenza tal-31 ta' Jannar, 1994 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-imputat Patrick Xuereb ħati ta' serq sempliċi u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tnax-il xahar mid-data tas-sentenza a tenur ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 u ma sabitux ħati ta' l-imputazzjonijet l-oħrajn u lliberatu minnhom;

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-imputat Xuereb talab ir-riforma ta' dik is-sentenza b'mod li jiġi lliberat mill-imputazzjonijiet kollha;

Rat l-atti l-oħrajn u ttrattat l-appell tikkunsidra illi:

L-aggravju avvanzat mill-appellant jikkonsisti filli l-oġġetti misruqin hu ma seraqhomx, iżda sabhom wara li dawn kienu ġew mitlufin jew abbandunati;

Fi stqarrija li l-appellant għamel lill-Pulizija, huwa ddikjara li flimkien ma' xi ħbieb kien mar Għajn Tuffieħa. Kompla jgħid: "Waqt li konna fil-bajja rajna basket magħluq fuq ir-ramel. Jiena u Jimmy ressaqnih lejn il-*fence* billi qabdu ma' saqajh Jimmy u meta wasalna ħdejn il-*fence* ftaħna dan il-basket .... Ġo fih jiena u Jimmy sibna din il-kamera tar-ritratti u l-arloġġ ... Jimmy ħa l-kamera u jiena ħadt l-arloġġ flimkien ma' karta ta' Lm5 u kien hemm xi munita barranija";

Hu paċifiku fil-ġurisprudenza li min isib oġġetti f'post pubbliku f'ċirkostanzi tali li wieħed jista' jifhem li dawk l-oġġetti

mhumiex abbandunati u japproprja ruħu minnhom, jikkommetti serq (Kollez. Vol. XXXIX.IV.1012);

Mill-istqarrija ta' l-appellant jirriżulta kjarament li hu kien sab l-oġġetti in kwistjoni f'ċirkostanzi bħal dawk premessi u li huwa approprja ruħu mill-istess oġġetti;

Effettivament jirriżulta li l-oġġetti ġew misruqin mingħand turista dak in-nhar stess f'Għajn Tuffieħa;

Għall-motivi premessi tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata safejn din tirrigwarda lill-appellant Patrick Xuereb, b'dan li t-terminu ta' tnax-il xahar liberta' kondizzjonata jibda jimxi mil-lum. Dana ġie spjegat mill-Qorti lill-appellant.